MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## MARSEANN FARRUGIA

Seduta tat-2 ta' Mejju, 2014

Numru. 493/2009

**Il-Pulizija**

**(Spettur Ramon Mercieca)**

**vs.**

**Joseph Licari,**

**Heathcliff Vella u**

**Emanuel Vella**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra:

Joseph Licari ta' 25 sena, bin Victor u Mary nee' Buhagiar, imwieled Pieta' nhar il-15 t'April, 1983 u li joqghod Qasam tal-Bini tal-Gvern, Binja K, Flat 2, Zabbar, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 218783(M), u

Heathcliff Vella, ta' 20 sena, bin Julian u Antonia nee' Schembri, mwieled Pieta' nhar is-27 ta' Gunju, 1988 u li joqghod No 2, Casa Julton, Triq Gianni Nikola Buhagiar San Gwann, detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 293288(M), u

Emanuel Vella ta' 21 sena, iben Julian u Antonia nee' Schembri, mwieled Pieta' nhar il-11 ta' Frar, 1987 u li joqghod No 2 Casa Julton, Triq Gianni Nikola Buhagiar, San Gwann, detentur tal-karta ta' l-identita' bin-numru 97187(M).

Akkuzati talli fis-sieghat bikrin ta' nhar l-1 ta' Frar, 2009 gewwa r-Rabat (Malta):

1. Minghajr hsieb li joqtlu jew li jqieghdu l-hajja ta' haddiehor f'periklu car, kkagunaw hsara fil-gisem jew fis-sahha, u cioe' offiza ta' natura gravi fil-gisem jew fis-sahha ta' Jamie Richard Ogier, liema hsara tista' ggib debulizza permanenti fis-sahha jew fil-funzjoni ta' xi parti tal-gisem jew difett permanenti f'parti ta' l-ghamla tal-gisem jew inkella marda permanenti tal-mohh u dan skond ma ccertifika Dr. Daliso Chetcuti MD (Reg 5126) mill-Isptar Mater Dei, Msida u dan bi ksur ta' l-Artikoli 214 u 216 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

F'kaz ta' htija l-Qorti giet mitluba biex tipprovdi ghas-sigurta' ta' Jamie Richard Ogier u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384, u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens mibghuta mill-Avukat Generali fil-21 ta' Mejju, 2009, sabiex din il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja, u rat li l-imputati ma kellhomx oggezzjoni li din il-kawza tigi hekk trattata u deciza.

Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

Ikkunsidrat:

**Il-Kwistjoni Sollevata mid-Difiza dwar l-Istqarrija tal-Imputat**

Il-Qorti se tikkunsidra fl-ewwel lok il-kwistjoni sollevata mid-difiza fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2012 dwar l-istqarrijiet tal-imputati, u cioe li stante li l-istqarrijiet tal-imputati odjerni ittiehdu fl-2009, meta ma kienx hemm il-possibilita li jiehdu parir legali qabel l-interrogazzjoni, l-istqarrijiet taghhom ghandhom jigu skartati.[1] Fil-verbal li sar fis-seduta tad-19 ta' Novembru 2012, jinghad hekk: *"Il-Qorti in vista tal-verbal maghmul minn Dr Debono ghall-imputati dwar l-inammissibilita tal-istqarrija tal-imputati stante li dawn ma kellhomx access ghal assistenza legali qabel l-interrogatorju u in vista tas-sentenza ricenti tal-Qorti Kostituzzjonali fuq l-istess suggett moghtija fit-8 ta' Ottubru 2012 fl-ismijiet 'Charles Steven Muscat vs Avukat Generali', tistieden lill-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom fir-rigward. Il-partijiet trattaw dan il-punt."*

F'din is-sentenza ta' **Charles Steven Muscat**, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet li l-fatt wahdu li l-istqarrija tkun ittiehdet minghajr ma l-persuna arrestata jkollha access ghal avukat, mhux bizzejjed sabiex jista' jinghad li kien hemm ksur tad-dritt ghal smiegh xieraq. F'dan il-kaz, il-Qorti Kostituzzjonali irriteniet illi *"Ghalhekk, li trid taghmel din il-Qorti ma huwa la li tara jekk l-attur huwiex hati jew le tal-akkuzi ngiebu kontrieh u lanqas li tara biss jekk l-attur kellux l-ghajnuna ta' avukat waqt l-interrogazzjoni u tieqaf hemm: li ghandha taghmel din il-qorti hu li tara jekk dak in-nuqqas wassalx ghal ksur tal-jedd ghal smiegh xieraq u hekk inholoqx il-perikolu illi l-attur jinstab hati meta ma kellux jinstab hati. Jekk ma hemmx dan il-perikolu, mela ma hemmx ksur."*

Fil-kaz ta' **Muscat** fuq citat, il-Qorti Kostituzzjonali waslet ghall-konkluzjoni li ma kienx gie lez id-dritt ghal smiegh xieraq, ghaliex *inter alia*:

[1] Ara verbal fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2012 a fol. 49 tal-process.

1. meta sar l-interrogatorju, ir-rikorrent kien ragel matur li gia kien qieghed jiskonta sentenza ta' prigunerija fil-Facilita' Korrettiva ta' Kordin. Ghalhekk kellu esperjenza ta' interrogatorju mill-pulizija u ma kienx xi minorenni jew ibati minn xi forma ta' vulnerabilita' hekk li facilment ikun intimidat bl-ambjent fejn issir l-interrogatorju.
2. ir-rikorrent kien gie mgharraf bil-jedd tieghu li jibqa' sieket u ma jwegibx, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla seta' jaghmilha minghajr konsegwenzi ta' xejn.
3. sakemm infethet il-kawza ir-rikorrent qatt ma fittex li jiehu lura l-istqarrija li kien ghamel jew li jichad dak li fiha.

Ma jistax ikun hemm dubbju li l-access ghal avukat qabel l-interrogatorju bhala parti mid-dritt ta' smiegh xieraq gie introdott kemm mill-Qorti Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem (ara il-kaz ta' **Salduz**[2]) u mill-Qorti Kostituzzjonali (ara **Il-Pulizija v. Alvin Privitera**[3]), biex jirrimedja ghal sitwazzjonijiet ta' zbilanc u nuqqas ta' ugwaljanza bejn l-interrogatur u min qed jigi interrogat. Jista' facilment ikun hemm sitwazzjonijiet ta' intimidazzjoni, paniku u konfuzjoni f'mohh il-persuna arrestata tant li f'dawk ic-cirkostanzi l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata. Ghalhekk huwa gust li ammissjoni jew stqarrija maghmula minn persuna vulnerabbli f'cirkostanzi intimidanti ghandha tigi skartata. Minn naha l-ohra jekk il-persuna arrestata ma hix persuna vulnerabbli u c-cirkostanzi ma jistghux jitqiesu intimidanti, ma hemmx raguni valida ghaliex l-istqarrija taghha ghandha tigi skartata.[4]

In oltre, fis-sentenza **John Attard vs. Onorevoli Prim Ministru et** deciza fil-31 ta' Mejju 2013, il-Qorti Kostituzzjoni regghet irriteniet illi: *"Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta' avukat. Il-kwistjoni għalhekk għandha tkun jekk l-attur kienx daqshekk f'pożizzjoni ta' vulnerabilita, djgħufija jew biża' illi l-esperjenza ta' interrogazzjoni mill-pulizija fl-assenza ta' avukat kellha influwenza fuqu hekk li ġġiegħlu jistqarr ħtijiet u fatti li ma għandhomx mis-sewwa u li għalhekk toħloq il-perikolu li jinstab ħati meta fil-verita' ħati ma jkunx."*

Dan l-insenjament tal-Qorti Kostituzzjonali gie wkoll abbraccat mill-Qorti tal-Appell Kriminali. (ara per ezempju **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013[5], **Il-Pulizija**

[2] Deciz fis-27 ta' Novembru 2008.
[3] Deciz fil-11 ta' April 2011.
[4] Ara ittra ta' Dottor Giovanni Bonello Imhallef *Emeritus* fil-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ippubblikata fit-*Times of Malta* fit-28 ta' Novembru 2012.
[5] *Per* Imhallef David Scicluna.

**vs. Debbie Antoinette Vella** deciza fl-10 t'April 2013[6], **Il-Pulizija vs. Jesmond Camilleri** deciza fit-18 t'April 2013[7] u **Il-Pulizija vs. Paul Cutajar** deciza fit-18 ta' Gunju 2013[8]).

Fil-kaz odjern, meta ittiehdet l-istqarrija, l-imputat Manwel Vella kellu 21 sena, l-imputat Heathcliff Vella kellu 20 sena fil-waqt li l-imputat Joseph Licari kellu 25 sena. Ghalkemm ma rrizultax li xi wiehed mill-imputati kellu esperjenza qabel ta' interrogatorju mill-pulizija, l-imputati ma kienux minorenni u lanqas allegaw li kienu ibatu minn xi forma ohra ta' vulnerabilita', hekk li jkun jista jinghad li facilment setghu jkunu intimidati bl-ambjent fejn sar l-interrogatorju. Inoltre, lanqas gie allegat li c-cirkostanzi li fihom ittiehdet l-istqarrija kienu intimidanti, u ghalhekk ma hemmx biza' li l-imputati setghu stqarrew htijiet u fatti li ma ghandhomx mis-sewwa.

Inoltre qabel l-interrogatorju, l-imputati gew mgharrfa bid-dritt taghhom li jibqghu siekta u ma jwiegbux, u skont il-ligi dak iz-zmien, din l-ghazla setghu jaghmluha minghajr konsegwenzi ta' xejn.

Huwa rilevanti wkoll li ghalkemm l-istqarrijiet ittiehdu fi Frar 2009, kien biss fis-seduta tat-2 ta' Mejju 2012, li l-imputati ssollevaw il-kwistjoni li l-istqarrija taghhom ittiehdet minghajr ma kellhom assistenza legali. Matul dawn it-tlett snin, l-imputati qatt ma fittxew li jiehdu lura l-istqarrijiet taghhom jew li jichdu l-kontenut taghhom. Dan huwa sinjal li l-imputati stess ma kienux qieghdin ihossu illi tqieghdu taht zvantagg ingust bl-istqarrija taghhom li, wara kollox, ghamluha liberament.

Il-Qorti kkunsidrat ukoll li fis-seduta tal-21 ta' Frar 2011, gie verbalizzat hekk: *"Id-difiza qed tezenta lill-prosekuzzjoni milli ttella' xhieda dwar il-volontarjeta tal-istqarrijiet esebiti."*[9] Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Greta Elena Loredana Mercieca** deciza fl-10 t'April 2013, il-Qorti tal-Appell Kriminali (sede Inferjuri)[10] irriteniet hekk: *"Difatti mhux talli ma saret l-ebda allegazzjoni li l-istqarrija tagħha ma ġietx magħmula minnha volontarjament jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi (artikolu 658 tal-Kodiċi Kriminali), talli fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2011 id-difiża għamlet verbal fejn iddikjarat li "qed teżenta lill-Prosekuzzjoni milli tressaq xhieda tal-identita` u volontarjeta` tal-istqarrija". Ġaladarba d-difiża ma kinitx qed tikkontesta l-volontarjeta` ta' l-istqarrija, huwa kontrosens illi tippretendi illi l-istqarrija tiġi skartata*

[6] *Per* Imhallef David Scicluna.
[7] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[8] *Per* Imhallef Michael Mallia.
[9] Ara fol. 39 tal-process.
[10] *Per* Imhallef David Scicluna.

*fuq il-bażi unika li l-appellata ma kellhiex assistenza legali. L-istqarrija jew saret b'mod volontarju jew le. U hawn tali volontarjeta` ma ġietx messa in diskussjoni. Konsegwentement, in vista tal-fatt li ma hemm l-ebda kontestazzjoni dwar il-volontarjeta` ta' l-istqarrija ta' l-appellata, f'dan il-każ tali stqarrija hi prova valida u ammissibbli."*

Fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet suesposti, fil-fehma kkunsidrata ta' din il-Qorti ma hemmx raguni valida ghaliex ghandha tiskarta l-istqarrijiet tal-imputati.

**Il-Fatti**

Il-fatti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma fil-qosor is-segwenti:

1. Fis-sieghat bikrin ta' filghodu ta' l-1 ta' Frar 2009 hdejn diskoteka, it-Telgha tas-Saqqajja, l-Imdina, inqalghet glieda bejn Jamie Richard Ogier u l-imputati. F'din il-glieda, Jamie Ogier spicca bi griehi gravi f'wiccu u f'idu il-leminija.[11] Jamie Ogier u l-imputati taw verzjonijiet djametrikament opposti tal-incident.
2. Fil-verzjoni preliminari li Jamie Ogier ta lill-pulizija huwa qal li kien fid-diskoteka jitkellem ma' tfajla u iddecidew li johorgu barra biex ipejpju sigarett. Izda kif hargu barra, daru ghalih hames persuni u qabdu jtuh, u anke kissru xi flixken u hebbew ghalih bihom.[12]
3. Min-naha l-ohra, fl-istqarrija taghhom, l-imputati qalu li huma kienu hergin mid-diskoteka flimkien ma' Matthew Cacciatolo u Ryan Vella. Waqt li kienu hergin Jamie Ogier – barrani li qatt ma kienu raw qabel - waddab tazza jew flixkun tal-hgieg fid-direzzjoni taghhom, u laqghat lil Ryan Vella f'idejh, u beda hiereg id-demm. Jamie Ogier baqa' gej fuqhom, u l-imputat Joseph Licari jghid fl-istqarrija tieghu li ghal xejn b'xejn Jamie Ogier, li kien fis-sakra, carratlu l-qmis u l-flokk ta' taht u dan waqt li l-imputat Licari beda jimbuttah biex jitlaq minn hdejhom.
4. L-imputat Joseph Licari jghid li peress li Jamie Ogier baqa' jippersisti fl-atteggament aggressiv tieghu, huwa (Joseph Licari) hebb ghalih u tah xi daqqiet b'idu.
5. Fl-istqarrija tieghu l-imputat Manwel Vella jghid li hu mar biex ifferraq lil Jamie Ogier u lil Joseph Licari, imma Jamie Ogier baqa' jipprova jahbat ghalihom, u ghalhekk Manwel Vella beda jimbuttah u tah bis-sieq.
6. Fl-istqarrija tieghu Heathcliff Vella ukoll jammetti li mar jaghti bil-ponn lil Jamie Ogier, peress li dan ta' l-ahhar baqa' aggressiv mal-imputat Joseph Licari.
7. Imbaghad indahlu xi *securities* li ferrqu l-glieda.
8. Fid-19 t'April 2009, Jamie Ogier iffirma dikjarazzjoni fejn iddikjara li qed jahfer lill-imputati kriminalment *"for the injuries caused on my person on the 1st. February 2009 at Rabat (Malta) ... ... during an argument that arose between the two parties."*[13]
9. Jamie Ogier ma xehedx f'dawn il-proceduri ghaliex ma setghax jigi rintraccat mill-pulizija.

---

[11] Ara certifikat mediku a fol. 27 tal-process.
[12] Ara rapport tal-pulizija a fol. 25 tal-process.
[13] Ara id-dikjarazzjoni ezebita a fol. 26 tal-process.

**Kunsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

Din il-Qorti tibda biex tghid illi skont il-gurisprudenza stabbilita meta fi proceduri bhal dawk odjerni, ikun hemm zewg ko-imputati, ix-xhieda jew kull dikjarazzjoni ohra maghmula minn ko-imputat wiehed mhux ammissibbli fil-konfront tal-ko-imputat l-iehor, kemm jekk din ix-xhieda tkun favur u kemm jekk tkun kontra l-iehor. Dan gie ribadit fid-digriet tal-Qorti Kriminali[14] tat-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. *omissis* Ian Farrugia**, fejn gie ritenut hekk: *"Il-gurisprudenza hija cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu argument a contrario sensu li jitnissel mill-paragrafu (b) tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali."* u l-Qorti Kriminali tghaddi biex ticcita diversi sentenzi in materja.[15]

Ghalhekk, fil-konsiderazzjonijiet taghha dwar il-htija o meno tal-imputati, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' dak li kull wiehed mill-imputati qal fl-istqarrija fil-konfront taz-zewg imputati l-ohra.

F'unika xhieda li hemm f'dawn il-proceduri hija dik tal-ufficcjal prosekutur l-Ispettur Ramon Mercieca, li ezebixxa it-tlett stqarrijiet li rrilaxxaw l-imputati. Kif inghad iktar il-fuq, l-allegata vittma Jamie Ogier ma xehedx, ghaliex ma setghax jigi rintraccat mill-pulizija. Ovvjament, il-fatt li Jamie Ogier hafer lill-imputati, ma jistghax iwaqqaf dawn il-proceduri kriminali li gew istitwiti mill-pulizija *ex officio* u m'ghandhomx bzonn il-kwerela tal-allegata parti leza sabiex jitkomplew.

[14] *Per* Onor. Imhallef Dr. V. De Gaetano.
[15] Ara wkoll fl-istess sens id-digriet tal-Qorti Kriminali (*per Onor.* Imhallef Joseph Galea Debono) tal-4 ta' Frar 2004 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Brian Vella.**

Jibqa' l-fatt pero li l-verzjoni tal-fatti li ta Jamie Ogier lill-Pulizija *a tempo vergine* ma gietx konfermata bil-gurament quddiem din il-Qorti la minn Jamie Ogier innifsu, u lanqas mill-pulizija li kellmuh, li ma ttellaghux jixhdu mill-prosekuzzjoni.

Min-naha l-ohra, it-tlett imputati taw bazikament l-istess verzjoni tal-fatti fl-istqarrijiet rilaxxati minnhom individwalment. L-imputati ma humiex qieghdin jinnegaw li l-incident gara, u li huma taw bil-ponn, u fil-kaz tal-imputat Manwel Vella anke bis-sieq lil Jamie Ogier, pero huma jghidu li dan ghamluh ghax kien Jamie Ogier li kien aggressiv maghhom, l-ewwel billi waddab oggett tal-hgieg fid-direzzjoni taghhom u wegggha lil siehibhom Ryan Vella u mbaghad kompla gej ghal fuqhom. Fil-fatt fl-istqarrija tieghu, l-imputat Joseph Licari jghid hekk: *"Dan l-Ingliz resaq lejna u jien bdejt nghidlu 'go away, go away', imma dan xorta baqa jipprovoka u jersaq lejna. Nghid li lili dan l-ingliz ghal xejn b'xejn carratli l-qmis u l-flokk ta' taht u dan waqt li jiena bdejt nimbuttah biex jitlaq minn hdejna. Huwa baqa' jippersisti bl-attitudni tieghu u jiena ma kellhix triq ohra hlief li hebbejt ghalih u tajtu xi daqqiet. ... ... Nghid li dan waqa' ma' l-art mal-ewwel daqqa li tajtu u huwa waqa mill-ewwel ma' l-art. Imma nghid li ghalkemm jien bdejt intih huwa xorta baqa' jersaq lejja. Nghid li jien bdejt nimbuttah intih u jaqa' u jerga' jigi ghaliha."*[16]

Fl-istqarrija tieghu, l-imputat Heathcliff Vella jammetti li meta ra lil Jamie Ogier jagredixxi lill-imputat Joseph Licari, hu (Heathcliff Vella) mar jaghti bil-ponn ukoll lil Jamie Ogier.[17]

L-imputat Manwel Vella stqarr li hu mar jipprova iferraq lil Joseph u lil Jamie Ogier, imma dan ta' l-ahhar baqa' jaghti u jmur ghalihom. Huwa jghid hekk: *"Nghid li jien bdejt nimbuttah u nghid li ukoll tajtu daqqa ta' sieq ... ... u ilqattu f'saqajh. ... ... Sahansitra gew il-bowncers iwaqqfuh imma dan xorta rega' beda jigi jaghti."*

F'dan l-istat tal-provi certament ma jistghax jinghad li l-prosekuzzjoni irnexxielha tipprova l-kaz taghha sal-grad rikjest fil-kamp kriminali, stante li l-istqarrijiet ta' l-imputati iqanqlu f'mohh din il-Qorti dubbju ragonevoli, jekk il-vjolenza li huma uzaw kienitx wahda intenzjonata ghal-legittima difiza taghhom u ta' terzi, u dan a tenur ta' l-Artikolu 223 tal-Kodici Kriminali.

[16] Ara fol. 21 tal-process.
[17] Ara fol. 7 tal-process.

**Konkluzjoni**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 214 u 216 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma issibx lill-imputati hatja tal-imputazzjoni dedotta kontra taghhom u qieghda tilliberahom minnha.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------